



Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

##### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1476 tat-3 ta' Ottubru 2018 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq** ..... 1

##### DEĊIŻIONIJET

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1477 tat-2 ta' Ottubru 2018 dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet ta' prodott bjiċċidali li fihom l-etil butilacetilamminopropjonat imressaq mill-Belġju skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (notifikata bid-dokument C(2018) 6291)<sup>(1)</sup>** ..... 3
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1478 tat-3 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 li taġġorna l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>** ..... 6
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1479 tat-3 ta' Ottubru 2018 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tas-sulfuril tal-fluworur għall-użu fil-prodotti bjiċċidali tat-tip ta' prodott 8 <sup>(1)</sup>** ..... 16

##### Rettifika

- ★ **Rettifika tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/227 tad-9 ta' Frar 2017 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-riġward tal-eteru tal-bis(pentabromofenil) (ĠU L 35, 10.2.2017)** ..... 18

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

- ★ Rettifika tad-Direttiva 2014/28/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mad-disponibbiltà fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi ċivili (ĠU L 96, 29.3.2014) ..... 19

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1476

tat-3 ta' Ottubru 2018

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jelenka korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji u persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi u entitajiet tal-gvern preċedenti tal-Iraq koperti bl-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi li kienu jinsabu barra mill-Iraq nhar it-22 ta' Mejju 2003 skont dan ir-Regolament.
- (2) Fit-28 ta' Settembru 2018, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi annotazzjoni waħda mil-lista ta' persuni jew entitajiet li l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi jenħtieġ li japplika għalihom.
- (3) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

*Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija*

<sup>(1)</sup> ĠUL 169, 8.7.2003, p. 6.

## ANNEX

Fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003, tiġhassar l-annotazzjoni segwenti:

“128. STATE ENTERPRISE FOR AUTOMOTIVE INDUSTRY (magħrufa wkoll bhala STATE ENTERPRISE FOR AUTOMOTIVE INDUSTRIES). Indirizz: P.O. Box 138, Iskandariya-il-Babilonja, l-Iraq.”

---

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1477

tat-2 ta' Ottubru 2018

**dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet ta' prodott bijoċidali li fihom l-etil butilaċetilamminopropjonat imressaq mill-Belġju skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(notifikata bid-dokument C(2018) 6291)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali <sup>(1)</sup>, b'mod partikolari l-Artikolu 36(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Diċembru 2014, il-kumpanija Merck KGaA ("l-applikant") ressqet applikazzjoni għar-rikonoxximent reċiproku b'mod parallel ta' żewġ repellenti tal-insetti applikati fuq il-bnedmin kontra n-nemus u l-qurdien li fihom is-sustanza attiva etil butilaċetilamminopropjonat fil-forma ta' sprej bil-pompa u aerosol ("il-prodotti kontestati") lill-awtorità kompetenti tal-Belġju ("l-Istat Membru ta' referenza"), f'konformità mal-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Fl-istess ħin, l-applikant ressqat applikazzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-prodotti kontestati lil għadd ta' Stati Membri, inkluż ir-Renju Unit, f'konformità mal-Artikolu 34(2) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, ir-Renju Unit irrefera l-oġġezzjonijiet lill-grupp ta' koordinazzjoni fl-14 ta' Frar 2017 u lill-applikant, billi indika li l-prodotti kkontestati ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(1)(b) ta' dak ir-Regolament.
- (3) Ir-Renju Unit iqis li l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet ma twettqux b'mod korrett mill-Istat Membru ta' referenza, peress li hemm diskrepanza bejn r-rata ta' applikazzjoni użata fl-istudji tal-effikaċja u r-rata ta' applikazzjoni użata fil-valutazzjoni ta' esponiment, li huwa iktar baxx ("id-diskrepanza").
- (4) Is-segretarjat tal-grupp ta' koordinazzjoni stieden lill-Istati Membri kkonċernati l-oħra u lill-applikant biex jibagħtu l-kummenti tagħhom bil-miktub dwar dan ir-riferiment. Id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Latvja u l-applikant ressqu l-kummenti tagħhom. Il-konsultazzjoni għet diskussa wkoll fil-laqgħat tal-grupp ta' koordinazzjoni tal-14 ta' Marzu 2017 u l-10 ta' Mejju 2017.
- (5) Billi ma ntlaħaq l-ebda ftehim fil-grupp ta' koordinazzjoni, l-Istat Membru ta' referenza rrefera l-oġġezzjoni mhux solvuta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 fit-18 ta' Lulju 2017. Hawn ipprova lill-Kummissjoni dikjarazzjoni dettaljata tal-kwistjonijiet li dwarhom l-Istati Membri jkunu naqsu li jilħqu ftehim u r-raġunijiet għal dak in-nuqqas ta' qbil. Intbagħtet kopja ta' dik id-dikjarazzjoni lill-Istati Membri kkonċernati u lill-applikant.
- (6) L-Istat Membru ta' referenza, l-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, Spanja u l-Iżvezja awtorizzaw il-prodotti ikkontestati rilevanti fil-perjodu ta' bejn is-16 ta' Mejju 2017 u s-6 ta' Marzu 2018, skont l-Artikolu 34(7) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (7) Fit-7 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni talbet opinjoni mingħand l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") skont l-Artikolu 36(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 dwar għadd ta' mistoqsijiet li jikkonċernaw id-diskrepanza.

<sup>(1)</sup> ĠUL 167, 27.6.2012, p. 1.

- (8) L-Aġenzija (il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali) adotta l-opinjoni <sup>(1)</sup> tiegħu fit-12 ta' Diċembru 2017.
- (9) Skont l-Aġenzija, l-approċċ li uża l-Istat Membru ta' referenza, jiġifieri li jaċċetta d-diskrepanza, mhix xierqa meta vverifikat jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 ġew issodisfati. L-Aġenzija tqis li jew l-informazzjoni disponibbli mhix suffiċjenti biex turi li l-prodotti kkontestati, meta jintużaw frati aktar baxxi ta' applikazzjoni, huma biżżejjed effettivi jew effetti mhux aċċettabbli fuq is-saħħa tal-bniedem huma identifikati, fejn il-prodotti kkontestati jintużaw b'rati aktar għolja ta' applikazzjoni derivata mill-istudji tal-effikaċja.
- (10) Fl-opinjoni tagħha l-Aġenzija tenfasizza l-prinċipju ġenerali li r-rata ta' applikazzjoni ppruvata bħala effikaċi jenħtieġ li tiġi kkunsidrata għall-valutazzjoni ta' esponiment. L-użu ta' rata ta' applikazzjoni derivata mill-istudji tal-effikaċja fil-valutazzjoni ta' esponiment għall-prodotti kkontestati jirriżulta friskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem fir-rigward ta' għadd ta' użi intiżi.
- (11) Fid-dawl tal-opinjoni tal-Aġenzija, il-kundizzjoni stipulata fl-Artikolu 19(1)(b)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 ma tistax titqies li ġiet issodisfata għal kull użu intiż tal-prodott ikkontestat tal-aerosol, u lanqas għall-użu intiż tal-isprey bil-pompa għat-trabi ta' taħt is-sena. Għalhekk dawn l-użi jistgħu jiġu awtorizzati skont l-Artikolu 19(5) ta' dak ir-Regolament f'dawk l-Istati Membri fejn il-kundizzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(5) tiġi ssodisfata.
- (12) Madankollu, skont il-punt 77 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, jenħtieġ li r-rata rakkomandata ta' applikazzjoni tkun il-minimu meħtieġ sabiex jinkiseb l-effett mixtieq. Rata ta' applikazzjoni għolja bla meħtieġ tkun inkonsistenti mal-prinċipju ta' użu xieraq msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(5) ta' dak ir-Regolament.
- (13) Fl-opinjoni tagħha, l-Aġenzija tirrimarka wkoll li ma hemmx gwida tal-Unjoni preċiża maqbula dwar kif tiġi ġġenerata d-data dwar l-effikaċja għar-repellenti tal-insetti meta jintużaw ir-rati ta' applikazzjoni rakkomandati. Il-ħidma fuq l-iżvilupp ta' tali gwida tal-Unjoni diġà bdiet iżda hemm bżonn iż-żmien għall-konklużjoni sabiex jippermetti lill-applikanti li jiġġeneraw data li turi l-effikaċja ta' prodott b'mod prevedibbli.
- (14) Fl-opinjoni tagħha, l-Aġenzija tirreferi għal ftehim milħuq mill-grupp ta' koordinazzjoni skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 dwar ċerti repellenti tal-insetti li fihom sustanza attiva differenti <sup>(2)</sup>. Għal dawk il-prodotti, id-diskrepanza ġiet aċċettata mill-Istati Membri kollha kkonċernati, bil-kundizzjoni li din tiġi indirizzata meta l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti jiġġeddu u gwida ġdida tal-Unjoni tkun disponibbli. Fl-opinjoni hemm imsemmi wkoll li dan il-preċedent seta' wassal għal nuqqas ta' fehim min-naħa tal-applikant u l-Istat Membru ta' referenza dwar ir-reqwiżiti dwar id-data tal-effikaċja għall-repellenti tal-insetti.
- (15) Skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-awtorizzazzjoni ta' prodott bijoċidali għandha tistipula t-termini u l-kundizzjonijiet relatati mat-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott. Dawn it-termini u l-kundizzjonijiet jistgħu jinkludu rekwiżit għad-detentur tal-awtorizzazzjoni biex jipprovdi informazzjoni addizzjonali u, fejn rilevanti, iressaq applikazzjoni għal bidla tal-awtorizzazzjoni f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 <sup>(3)</sup> fi żmien stipulat.
- (16) Huwa meħtieġ li tinżamm id-disponibbiltà suffiċjenti tar-repellenti tal-insetti li fihom sustanzi attivi differenti biex tonqos l-okkorrenza ta' reżistenza f'organiżmi ta' ħsara fil-mira u jenħtieġ li japplikaw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fir-rigward tal-ġenerazzjoni tad-data dwar l-effikaċja fir-rata ta' applikazzjoni rakkomandata għall-applikanti kollha u/jew d-detenturi tal-awtorizzazzjoni, irrISPettivament mis-sustanzi attivi involuti fil-prodotti tagħhom. Jenħtieġ li r-rata ta' applikazzjoni rakkomandata tkun il-minimu meħtieġ sabiex jinkiseb l-effett mixtieq tar-repellenti tal-insetti f'konformità mal-prinċipju tal-użu xieraq.
- (17) Għaldaqstant, l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti kkontestati jenħtieġ jinkludu kundizzjoni li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jipprovdi data ġdida biex jikkonferma l-effikaċja tal-prodotti fir-rata proposta ta' applikazzjoni meta l-gwida tal-Unjoni dwar kif tiġi ġġenerata d-data dwar l-effikaċja frati rakkomandati ta' applikazzjoni tkun ġiet ppubblikata mill-Aġenzija. Jenħtieġ li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jkollu biżżejjed żmien biex jiġġenera d-data ġdida skont din il-gwida.
- (18) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

<sup>(1)</sup> ECHA opinion of 12 December 2017 on a request according to Article 38 of Regulation (EU) No 528/2012 on unresolved objections during the mutual recognition of two IR3535 containing insect repellents (ECHA/BPC/179/2017).

<sup>(2)</sup> <https://webgate.ec.europa.eu/echa-scircabc/w/browse/021936d9-856a-4c7f-b559-a63c19cf6fd3>

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 tat-18 ta' April 2013 dwar bidliet tal-prodotti bijoċidali awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 4).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Din id-Deċiżjoni tapplika għall-prodotti bijoċidali identifikati permezz tan-numri tal-assi BE-0012319-0000 u BE-0012317-0000 fir-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali.

*Artikolu 2*

Meta tiġi applikata r-rata ta' applikazzjoni derivata mill-istudji tal-effikaċja, il-prodotti bijoċidali msemmija fl-Artikolu 1 jissodisfaw il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 19(1)(b)(i) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, iżda mhux il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 19(1)(b)(iii) ta' dak ir-Regolament għall-użi intiżi kollha.

Bħala konsegwenza, l-użi intiżi tal-prodott ikkontestat tal-aerosol u l-użu intiż tal-prodott ikkontestat tal-isprey bil-pompa għat-trabi ta' taħt is-sena jistgħu jiġu biss awtorizzati skont l-Artikolu 19(5) ta' dak ir-Regolament.

L-Istat Membru ta' referenza għandu jaġġorna r-rapport ta' valutazzjoni tal-prodott msemmi fl-Artikolu 30(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 skont dan.

*Artikolu 3*

Meta jagħtu jew jemendaw awtorizzazzjonijiet għal prodotti bijoċidali msemmija fl-Artikolu 1 skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u, fejn hu rilevanti, l-Artikolu 19(5) ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jinkludu din il-kundizzjoni li ġejja:

“Fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tal-gwida tal-Unjoni dwar kif tiġi ġġenerata *d-data* dwar l-effikaċja għar-repellenti tal-insetti fir-rati rakkomandati ta' applikazzjoni, id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu iressaq *data* li tikkonferma l-applikazzjoni minima effettiva. Dik id-data għandha titressaq f'forma ta' applikazzjoni għal bidla fl-awtorizzazzjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013”.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kummissjoni*  
Vytenis ANDRIUKAITIS  
*Membru tal-Kummissjoni*

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1478****tat-3 ta' Ottubru 2018****li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 li taġġorna l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(4) tiegħu.

Billi:

- (1) Il-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti ("Il-Lista Ewropea") kienet stabbilita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 <sup>(2)</sup> u ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/684 <sup>(3)</sup>.
- (2) Ir-Renju Unit għarraf lill-Kummissjoni li faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li tinsab fit-territorju tiegħu ġiet awtorizzata mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 u pprova l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-Kummissjoni biex dik il-faċilità tiddaħħal fil-Lista Ewropea.
- (3) L-awtorizzazzjonijiet ta' żewġ faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu fil-Polonja skadew fit-28 ta' April 2018 u l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda informazzjoni mill-Polonja dwar jekk iġġeddedwx l-awtorizzazzjonijiet mogħtija lil daww il-faċilitajiet biex iwettqu r-riċiklaġġ tal-bastimenti jew jekk dawn humiex se jiġġeddu. Għalhekk, iż-żewġ faċilitajiet ma għadhomx jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 13(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 u jenħtieġ li jitneħħew mil-Lista Ewropea skont il-punt (ii) tal-Artikolu 16(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013.
- (4) Għalhekk jixraq li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2323 tiġi emendata.
- (5) Fir-rigward tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu f'pajjiżi terzi li għalihom tkun tressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-inklużjoni fil-Lista Ewropea skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, il-valutazzjoni tal-informazzjoni rilevanti u tal-evidenza ta' sostenn li tingħata jew tinġabar għadha għaddejja. Ladarba l-valutazzjoni tintemm, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni b'rabta ma' daww il-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu barra mill-Unjoni.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2323 huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠUL 330, 10.12.2013, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 tad-19 ta' Diċembru 2016 li tistabbilixxi l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti (ĠUL 345, 20.12.2016, p. 119).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/684 tal-4 ta' Mejju 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 li taġġorna l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 116, 7.5.2018, p. 47).



*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

---

## IL-LISTA EWROPEA TAL-FAĊILITAJIET TA' RIĊIKLAĠĠ TAL-BASTIMENTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 16(1) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1257/2013

## Il-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu fi Stat Membru tal-Unjoni

Isem il-faċilità	Il-metodu tar-riċiklaġġ	It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Detalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1)	L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT (2)	Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3)
IL-BELĠJU						
NV Galloo Recycling Ghent Scheepzatestraat 9 9000 Gent IL-BELĠJU Tel. +32 92512521 Posta elettronika: peter.wyntin@galoo.com	Laterali (irmiġġ fl-ilma), rampa	Bastimenti kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment: It-tul: 265 metru Il-wisa': 36 metru Il-pixka: 12,5 metri		Approvazzjoni taċita, perjodu ta' reviżjoni massimu ta' 30 jum	34 000 (4)	Il-31 ta' Marzu 2020
ID-DANIMARKA						
Fornæs ApS Rolshøjvej 12-16 8500 Grenå ID-DANIMARKA www.fornaes.dk	L-iżmantellar mal-moll u l-iskreppjar sussegwenti fuq artijiet impermeabbli b'sistemi effettivi ta' drenaġġ	Bastimenti kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013 Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment: It-tul: 150 metru Il-wisa': 25 metru Il-pixka: 6 metri GT: 10 000	Il-muniċipalitá ta' Norddjurs għandha d-dritt li talloka l-iskart perikoluż f'faċilitajiet ta' akkoljenza approvati mil-lat ambjentali.	Approvazzjoni taċita, perjodu ta' rieżami massimu ta' 14-il jum	30 000 (5)	It-30 ta' Ġunju 2021
Smedegaarden A/S Vikingkaj 5 6700 Esbjerg ID-DANIMARKA www.smedegaarden.net	L-iżmantellar mal-moll u l-iskreppjar sussegwenti fuq artijiet impermeabbli b'sistemi effettivi ta' drenaġġ	Bastimenti kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013 Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment: It-tul: 170 metru Il-wisa': 40 metru Il-pixka: 7,5 metri		Approvazzjoni taċita, perjodu ta' rieżami massimu ta' 14-il jum	20 000 (6)	Il-15 ta' Settembru 2021

Isem il-faċilità	Il-metodu tar-riċiklaġġ	It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti <sup>(1)</sup>	L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT <sup>(2)</sup>	Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea <sup>(3)</sup>
L-ESTONJA						
OÜ BLRT Refonda Baltic	Fil-wiċċ malmoll u d-dokk f'wiċċ l-ilma	Bastimenti kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment: It-tul: 197 metru Il-wisa': 32 metru Il-pixka: 9,6 metri GT: 28 000	Il-permess għall-iskart Nru L.JÄ/327249. Il-liċenzja ta' ġestjoni tal-iskart perikoluż Nru 0222. Ir-Regoli tal-Port Vene-Balti, Il-Manwal dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti MSR-Refonda. Is-Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali, Il-Ġestjoni tal-iskart tal-EP 4.4.6-1-13 Il-faċilità tista' tirriċikla biss dawn il-materjali perikolużi li għalihom ġiet liċenzjata.	Approvazzjoni taċita, b'perjodu massimu ta' 30 jum	21 852 <sup>(7)</sup>	Il-15 ta' Frar 2021
SPANJA						
DDR VESSELS XXI, S.L. Il-port ta' "El Musel" Gijon SPANJA Tel. +34 630144416 Posta elettronika: abarredo@ddr-vessels.com	Rampa għall-iżmantellar	Bastimenti kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, ħliet bastimenti nukleari. Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment: It-tul: 84,95 metru (Jistgħu jiġu aċċettati bastimenti sa 169,9 metru li waqt it-tħaddim tagħhom ma jkollhomx riskju li jinqalbu jew inkella r-rampa tagħhom ma tiċċaqlaqx, skont ir-riżultat ta' studju tal-viżibilità ddettaljat)	Il-limitazzjonijiet huma inklużi fl-awtorizzazzjoni ambjentali integrata.	Mhi definita l-ebda proċedura espliċita s'issa.	0 <sup>(8)</sup>	It-28 ta' Lulju 2020
FRANZA						
Démonaval Recycling ZI du Malaquis Rue François Arago 76580 Le Trait FRANZA Tel. +33 769791280 Posta elettronika: patrick@demonaval-recycling.fr	Laterali, baċir imbattal mill-ilma	Bastimenti kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Id-dimensjonijiet massimi tal-bastimenti (baċir imbattal mill-ilma): It-tul: 140 metru Il-wisa': 25 metru Il-fond: 5 metri	Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali.	Approvazzjoni espliċita - L-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru tal-Ambjent.	0 <sup>(9)</sup>	Il-11 ta' Diċembru 2022

Isem il-faċilità	Il-metodu tar-riċiklaġġ	It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Detalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti <sup>(1)</sup>	L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT <sup>(2)</sup>	Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea <sup>(3)</sup>
Gardet & De Bezenac Recycling/Groupe Baudelet Environnement – Ġie Mug 616, Boulevard Jules Durand 76600 Le Havre FRANZA Tel. +33 235951634 Posta elettronika: infos@gardet-bezenac.com	F'wiċċ l-ilma u fl-iskal	Bastimenti kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment: It-tul: 150 metru Il-wisa': 18-il metru LDT: 7 000	Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali.	Approvazzjoni espliċita - L-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru tal-Ambjent.	16 000 <sup>(10)</sup>	It-30 ta' Diċembru 2021
Grand Port Maritime de Bordeaux 152, Quai de Bacalan - CS 41320 - 33082 Bordeaux Cedex FRANZA Tel. +33 556 905800 Posta elettronika: maintenance@bordeaux-port.fr	Laterali, baċir imbattal mill-ilma	Bastimenti kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Id-dimensjonijiet massimi tal-bastimenti (baċir imbattal mill-ilma): It-tul: 240 metru Il-wisa': 37 metru Il-fond: 17-il metru	Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali.	Approvazzjoni espliċita - L-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru tal-Ambjent.	18 000 <sup>(11)</sup>	Il-21 ta' Ottubru 2021
Les Recycleurs bretons Zone industrielle de kerbriant plouigneau — 29 610 FRANZA Tel. +33 298011106 Posta elettronika: navaleo@navaleo.fr	Laterali, baċir imbattal mill-ilma	Bastimenti kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Id-dimensjonijiet massimi tal-bastimenti (baċir imbattal mill-ilma): It-tul: 225 metru Il-wisa': 34 metru Il-fond: 27 metru	Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali.	Approvazzjoni espliċita - L-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru tal-Ambjent.	5 500 <sup>(12)</sup>	L-24 ta' Mejju 2021

Isem il-faċilità	Il-metodu tar-riċiklaġġ	It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Detalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti <sup>(1)</sup>	L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT <sup>(2)</sup>	Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea <sup>(3)</sup>
IL-LATVJA						
A/S "Tosmares kuģubūvētava" Ġenerāļa Baloža street 42/44, Liepaja, LV-3402 IL-LATVJA Tel. +371 63401919 Posta elettronika: shipyard@tosmare.lv	L-iżmantellar ta' bastimenti (irmiġġ fl-ilma u baċir imbat-tal mill-ilma)	Bastimenti kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment: It-tul: 165 m Il-wisa': 22 m Il-fond: 7 m DWT:14 000 GT: 200 – 12 000 Il-piż: 100 – 5 000 tonnelli LDT: 100 -5 000	Ara l-permess nazzjonali Nru LI10IB0024.	Approvazzjoni espliċita - notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol	0 <sup>(13)</sup>	Il-11 ta' Ġunju 2020
IL-LITWANJA						
UAB APK Minijos 180 (il-post ta' rmiġġ 133 A), LT 93269, Klaipėda, IL-LITWANJA Tel. +370 46365776 Faks: +370 46365776 Posta elettronika: uab.apk@gmail.com	Laterali (irmiġġ fl-ilma)	Bastimenti kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013 Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment: It-tul: 130 metru Il-wisa': 35 metru Il-fond: 10 metri GT: 3 500	Ara l-permess nazzjonali Nru TL-KL.1-15/2015	Approvazzjoni espliċita - notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol	1 500 <sup>(14)</sup>	Is-17 ta' Marzu 2020
UAB Armar Minijos 180 (il-postijiet ta' rmiġġ 127 A, 131 A), LT 93269, Klaipėda, IL-LITWANJA Tel. +370 68532607 Posta elettronika: armar.uab@gmail.com; albatrosas33@gmail.com	Laterali (irmiġġ fl-ilma)	Bastimenti kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013 Id-dimensjonijiet massimi tal-bastimenti (il-post ta' rmiġġ 127 A): It-tul: 80 metru	Ara l-permess nazzjonali Nru TL-KL.1-16/2015 (il-post ta' rmiġġ 127 A) Ara l-permess nazzjonali Nru TL-KL.1-51/2017 (il-post ta' rmiġġ 131 A)	Approvazzjoni espliċita - notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol	3 910 <sup>(15)</sup>	Is-17 ta' Marzu 2020 (il-post ta' rmiġġ 127 A), Id-19 ta' April 2022 (il-post ta' rmiġġ 131 A),

Isem il-faċilità	Il-metodu tar-riċiklaġġ	It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Detalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti <sup>(1)</sup>	L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT <sup>(2)</sup>	Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea <sup>(3)</sup>
		<p>Il-wisa': 16-il metru</p> <p>Il-fond: 6 metri</p> <p>GT: 1 500</p> <p>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastimenti (il-post ta' rmiġġ 131 A):</p> <p>It-tul: 80 metri</p> <p>Il-wisa': 16-il metru</p> <p>Il-fond: 5 metri</p> <p>GT: 1 500</p>				
<p>UAB Vakarų refonda</p> <p>Minijos 180 (il-postijiet ta' rmiġġ 129, 130, 131 A, 131, 132, 133 A), LT 93269, Klaipėda, IL-LITWANJA</p> <p>Tel. +370 46483940/483891</p> <p>Faks: +370 46483891</p> <p>Posta elettronika: refonda@wsy.lt</p>	Laterali (irmiġġ fl-ilma)	<p>Bastimenti kif definiti fil-punt 1 tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013</p> <p>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:</p> <p>It-tul: 230 metru</p> <p>Il-wisa': 55 metru</p> <p>Il-fond: 14-il metru</p> <p>GT: 70 000</p>	Ara l-permess nazzjonali Nru (11.2)-30-161/2011/TL-KL.1-18/2015	Approvazzjoni espliċita - notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol	20 140 <sup>(16)</sup>	Il-21 ta' Mejju 2020

IN-NETHERLANDS

<p>Keppel-Verolme</p> <p>Prof. Gerbrandyweg 25</p> <p>3197 KK Rotterdam-Botlek</p> <p>IN-NETHERLANDS</p> <p>Tel. +31 181234353</p> <p>Stateaidgreffe@ec.europa.eu</p> <p>Posta elettronika: mzoethout@keppelverolme.nl</p>	Tkissir ta' bastimenti	<p>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:</p> <p>It-tul: 405 metri</p> <p>Il-wisa': 90 metru</p> <p>Il-fond: 11,6 metri</p>	Is-sit għandu permiss biex jopera; dan il-permess għandu limitazzjonijiet u kundizzjonijiet biex jopera mingħajr ma jkun ta' ħsara għall-ambjent.	Approvazzjoni espliċita	52 000 <sup>(17)</sup>	Il-21 ta' Lulju 2021
--	------------------------	---	---	-------------------------	------------------------	----------------------

Isem il-faċilità	Il-metodu tar-riċiklaġġ	It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Detalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti <sup>(1)</sup>	L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT <sup>(2)</sup>	Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea <sup>(3)</sup>
Scheepssloperij Nederland B.V. Havenweg 1; 3295 XZ s-Gravendeel Postbus 5234, 3295 ZJ s-Gravendeel IN-NETHERLANDS Tel. +31 7867360 55 Posta elettronika: info@sloperij-nederland.nl	Tkissir ta' bastimenti	Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment: It-tul: 200 metru Il-wisa': 33 metru Il-fond: 6 metri Għoli: 45 metru (Botlekbridge) L-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ jibdew fuq l-ilma biex il-buq jitħaffef; il-winċ biex iqandel il-vapuri għal fuq ir-rampa jiflaħ 2 000 tunnellata.	Is-sit għandu permiss biex jopera; dan il-permess għandu limitazzjonijiet u kundizzjonijiet biex jopera mingħajr ma jkun ta' ħsara għall-ambjent.	Approvazzjoni espliċita	9 300 <sup>(18)</sup>	Is-27 ta' Settembru 2021
IL-PORTUGALL						
Navalria - Docas, Construções e Reparações Navais Porto Comercial, Terminal Sul, Apartado 39, 3811-901 Aveiro IL-PORTUGALL Tel. +351 234378970, +351 232767700 Posta elettronika: info@navalria.pt	Żarmar fil-baċir imbattal mill-ilma, id-dekontaminazzjoni u l-iżmantellar fuq pjan orizzontali u inklinat, skont id-daqs tal-bastiment	Il-kapaċità nominali tal-pjan orizzontali: 700 tunnellata Il-kapaċità nominali tal-pjan inklinat: 900 tunnellata		Il-kundizzjonijiet applikati għall-attività huma definiti fl-ispeċifikazzjonijiet annessi mat-Titolu (AL nru 5/2015/CCDRC, tas-26 ta' Jannar 2016)	1 900 tunnellata <sup>(19)</sup>	Is-26 ta' Jannar 2020
IR-RENJU UNIT						
Able UK Limited Teesside Environmental Reclamation and Recycling Centre Graythorp Dock Tees Road Hartlepool Cleveland TS25 2DB IR-RENJU UNIT Tel. +44 1642806080 Posta elettronika: info@ableuk.com	L-iżmantellar ta' bastimenti u t-trattament assoċjat awtorizzati f'baċir imbattal mill-ilma, u rmiġġ fl-ilma	Kull bastiment fil-limiti tad-dimensjonijiet awtorizzati fil-permess. Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment: It-tul: 337,5 metri Il-wisa': 120 metru Pixka: 6,65 metru	Din il-faċilità għandha Pjan għall-Faċilità tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013. Is-sit huwa awtorizzat permezz ta' permiss (ir-Referenza EPR/VP3296ZM) li jillimita l-operazzjonijiet u jagħmel kundizzjonijiet fuq l-operatur tal-faċilità.	Approvazzjoni espliċita	66 340 <sup>(20)</sup>	Is-6 ta' Ottubru 2020

Isem il-faċilità	Il-metodu tar-riċiklaġġ	It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti <sup>(1)</sup>	L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT <sup>(2)</sup>	Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea <sup>(3)</sup>
Dales Marine Services Ltd Imperial Dry Dock Leith Edinburgh EH6 7DR IR-RENJU UNIT Kuntatt: Tel. +44 1314543380 Posta elettronika: leithadmin@dalesmarine.co.uk; b.robertson@dalesmarine.co.uk	L-iżmantellar ta' bastimenti u t-trattament assoċjat awtorizzati f'baċir imbattal mill-ilma, u rmiġġ fl-ilma	Kwalunkwe bastiment sa massimu ta' 7 000 tonnellata Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment: It-tul: 165 metru Il-wisa': 21 metru Pixka: 7,7 metri	Din il-faċilità għandha Pjan għall-Faċilità tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013. Is-sit huwa awtorizzat permezz ta' liċenzja (Ref: WML L 1157331) li jillimita l-operazzjonijiet u jagħmel kundizzjonijiet fuq l-operatur tal-faċilità.	Approvazzjoni espliċita	7 275 <sup>(21)</sup>	It-2 ta' Novembru 2022
Harland and Wolff Heavy Industries Limited Queen's Island Belfast BT3 9DU IR-RENJU UNIT Tel. +44 2890458456 Posta elettronika: trevor.hutchinson@harland-wolff.com	L-iżmantellar ta' bastimenti u t-trattament assoċjat awtorizzati f'baċir imbattal mill-ilma, u rmiġġ fl-ilma	Kull bastiment bid-dimensjonijiet iddettaljati fil-Pjan ta' Ħidma miftiehem. Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment: Il-baċir prinċipali (l-ikbar) huwa ta' 556 m × 93 m × 1,2 m DWT, u jista' jieħu bastimenti li ma jaqbżux dan il-qies. Dan l-akbar baċir imbattal mill-ilma huwa ta' 1,2 miljun DWT.	Din il-faċilità għandha Pjan għall-Faċilità tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013. Is-sit huwa awtorizzat permezz ta' liċenzja għall-ġestjoni tal-iskart, bin-numru tal-awtorizzazzjoni LN/07/21/V2 li tillimita l-operazzjonijiet u tagħmel kundizzjonijiet fuq l-operatur tal-faċilità.	Approvazzjoni espliċita	13 200 <sup>(22)</sup>	It-3 ta' Awwissu 2020
Swansea Drydock Ltd Prince of Wales Dry Dock Swansea Wales SA1 1LY IR-RENJU UNIT Tel. +44 1792654592 Posta elettronika: info@swanseadrydocks.com	L-iżmantellar ta' bastimenti u t-trattament assoċjat awtorizzati f'baċir imbattal mill-ilma, u rmiġġ fl-ilma	Kull bastiment fil-limiti tad-dimensjonijiet awtorizzati fil-permess. Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment: It-tul: 200 metru	Is-sit għandu Pjan għall-Faċilità tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013.	Approvazzjoni espliċita	7 275 <sup>(23)</sup>	It-2 ta' Lulju 2020



Isem il-faċilità	Il-metodu tar-riċiklaġġ	It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati	Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż	Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti <sup>(1)</sup>	L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT <sup>(2)</sup>	Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea <sup>(3)</sup>
		Il-wisa': 27 metru Pixka: 7 metri	Is-sit huwa awtorizzat permezz ta' permess (ir-Referenza EPR/UP3298VL) li jlimita l-operazzjonijiet u jagħmel kundizzjonijiet fuq l-operatur tal-faċilità.			

<sup>(1)</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti.

<sup>(2)</sup> Kif imsemmi fit-tielet sentenza tal-Artikolu 32(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013.

<sup>(3)</sup> Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea tikkorrispondi mad-data tal-iskadenza tal-permess jew l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-faċilità fl-Istat Membru.

<sup>(4)</sup> Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 50 000 LDT fis-sena.

<sup>(5)</sup> Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 50 000 LDT fis-sena.

<sup>(6)</sup> Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 50 000 LDT fis-sena.

<sup>(7)</sup> Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 15 000 LDT fis-sena.

<sup>(8)</sup> Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 60 000 LDT fis-sena.

<sup>(9)</sup> Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 15 000 LDT fis-sena.

<sup>(10)</sup> Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 18 000 LDT fis-sena.

<sup>(11)</sup> Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 23 000 LDT fis-sena.

<sup>(12)</sup> Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 10 000 LDT fis-sena.

<sup>(13)</sup> Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 15 000 LDT fis-sena.

<sup>(14)</sup> Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 30 000 LDT fis-sena.

<sup>(15)</sup> Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 12 000 LDT fis-sena (6 000 LDT kull post ta' rmiġġ).

<sup>(16)</sup> Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 45 000 LDT fis-sena.

<sup>(17)</sup> Skont il-permess tagħha, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 100 000 tunnellata fis-sena.

<sup>(18)</sup> Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 45 000 LDT fis-sena.

<sup>(19)</sup> Ma ngħatat l-ebda informazzjoni dwar il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti.

<sup>(20)</sup> Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 230 000 tunnellata fis-sena.

<sup>(21)</sup> Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 7 275 tunnellata fis-sena.

<sup>(22)</sup> Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 300 000 tunnellata fis-sena.

<sup>(23)</sup> Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 74 999 tunnellata fis-sena.

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1479****tat-3 ta' Ottubru 2018****li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tas-sulfuril tal-fluworur għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

- (1) Is-sustanza attiva sulfuril tal-fluworur ddaħħlet fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> biex tintuża fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8, u b'hekk skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 hija meqjusa li hi approvata skont dak ir-Regolament soġġett għall-ispeċifikazzjonijiet u għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.
- (2) L-approvazzjoni tas-sulfuril tal-fluworur għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018. Fit-28 ta' Ġunju 2017 tressqet applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' din is-sustanza attiva, bi qbil mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (3) L-awtorità kompetenti li tevalwa tal-Iżvezja infurmat lis-servizzi tal-Kummissjoni fl-14 ta' Frar 2018 dwar id-deċiżjoni tagħha skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 li trid titwettaq evalwazzjoni sħiħa. Biex issir evalwazzjoni sħiħa jingħata perjodu ta' 365 jum skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament (UE). Skont l-Artikolu 8(2) ta' dak ir-Regolament, waqt din l-evalwazzjoni, l-awtorità kompetenti li tevalwa tista', jekk ikun hemm il-bżonn, titlob li l-applikant jipprovdi biżżejjed data għat-twettiq tal-evalwazzjoni. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 365 jum jiġi sospiż għal perjodu li b'kolloxx ma jistax jaqbeż total ta' 180 jum sakemm dan ma jkunx iġġustifikat minħabba t-tip ta' data li tintalab jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.
- (4) Skont l-Artikolu 14(3) ta' tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti li tevalwa, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") trid tħejji opinjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva u tippreżentaha lill-Kummissjoni.
- (5) Għaldaqstant, għal raġunijiet li mhumix fil-kontroll tal-applikant, l-approvazzjoni tas-sulfuril tal-fluworur għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 x'aktarx li se tiskadi qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha. Għalhekk jixraq li tiġi posposta d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tas-sulfuril tal-fluworur għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 għal perjodu ta' żmien twil biżżejjed biex ikun jista' jsir l-istudju tal-applikazzjoni. Meta wieħed iqis il-perjodi ta' żmien permessi għall-evalwazzjoni mill-awtorità kompetenti li tevalwa u għat-tħejji u għall-preżentazzjoni ta' opinjoni mill-Aġenzija, huwa xieraq li tiġi posposta d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (6) Minbarra d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, jenħtieġ li s-sulfuril tal-fluworur għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 jibqa' approvat suġġett għall-ispeċifikazzjonijiet u għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tas-sulfuril tal-fluworur għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 8 hija posposta għat-30 ta' Ġunju 2021.

<sup>(1)</sup> ĠUL 167, 27.6.2012, p. 1.<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

---

## RETTIFIKA

**Rettifika tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/227 tad-9 ta' Frar 2017 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward tal-eteru tal-bis(pentabromofenil)**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 35 tal-10 ta' Frar 2017)

Fpaġna 9, l-Anness jinbidel b'dan li ġej:

“ANNESS

Fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, tizzied l-entrata li ġejja:

<p>“67. Eteru tal-bis(pentabromofenil) (eteru tad-dekabromodifenil; decaBDE) Nru CAS 1163-19-5 Nru KE 214-604-9</p>	<ol style="list-style-type: none"> <li>1. Ma għandux jiġi mmanifatturat jew jitqiegħed fis-suq bħala sustanza waħidha wara t-2 ta' Marzu 2019.</li> <li>2. Ma għandux jintuża fil-produzzjoni ta':             <ol style="list-style-type: none"> <li>(a) sustanza oħra, bħala kostitwent;</li> <li>(b) taħlita;</li> <li>(c) oġġett, jew kwalunkwe parti tiegħu, jew introdott fis-suq fihom, f'konċentrazzjoni daqs jew ikbar minn 0,1 % tal-piż, wara t-2 ta' Marzu 2019.</li> </ol> </li> <li>3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal sustanza, kostitwent ta' sustanza oħra jew taħlita li trid tintuża, jew tiġi użata:             <ol style="list-style-type: none"> <li>(a) fil-produzzjoni ta' inġenju tal-ajru qabel it-2 ta' Marzu 2027,</li> <li>(b) fil-produzzjoni ta' spare parts għal kull wieħed minn dawn li ġejjin:                 <ol style="list-style-type: none"> <li>(i) inġenju tal-ajru mmanifatturat qabel it-2 ta' Marzu 2027,</li> <li>(ii) vetturi motorizzati fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2007/46/KE, vetturi agrikoli u forestali fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jew makkinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), prodotti qabel it-2 ta' Marzu 2019.</li> </ol> </li> </ol> </li> <li>4. Is-subparagrafu 2(c) ma għandux japplika għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:             <ol style="list-style-type: none"> <li>(a) oġġetti introdotti fis-suq qabel it-2 ta' Marzu 2019;</li> <li>(b) inġenji tal-ajru manifatturati skont is-subparagrafu 3(a);</li> <li>(c) spare parts ta' inġenji tal-ajru, vetturi jew magni prodotti skont is-subparagrafu 3(b);</li> <li>(d) tagħmir elettriku u elettroniku fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva 2011/65/UE.</li> </ol> </li> <li>5. Għall-finijiet ta' din l-entrata “inġenju tal-ajru” tfisser waħda minn dawn li ġejjin:             <ol style="list-style-type: none"> <li>(a) inġenju tal-ajru ċivili mmanifatturat f'konformità ma' ċertifikat tat-tip maħruġ skont ir-Regolament (UE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***) jew bl-approvazzjoni tad-disinn maħruġa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat kontraenti tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), jew li għalih inħareġ ċertifikat tal-ajrunavigabilità minn Stat Kontraenti tal-ICAO skont l-Anness 8 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali;</li> <li>(b) inġenju tal-ajru militari.”</li> </ol> </li> </ol>
---	---

(\*) Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1).

(\*\*) Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24).

(\*\*\*) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1).”

**Rettifika tad-Direttiva 2014/28/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mad-disponibbiltà fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi ċivili**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 96 tad-29 ta' Marzu 2014)

It-titolu fil-Werrej u t-titolu fil-paġna 1,

*minflok:* “Direttiva 2014/28/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mad-disponibbiltà fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi ċivili (riformulazzjoni)”,

*aqra:* “Direttiva 2014/28/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mad-disponibbiltà fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi għall-użu ċivili (riformulazzjoni)”.

---





ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**